MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1186/2004

**The Food House Limited (C-27453)**
**vs**
**Mark Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Gunju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm1453.58), liema somma tirraprezenta l-bilanc totali ta' hlasijiet lilha dovuta ghall-merkanzija lilu mibjugha u konsenjata fl-4 ta' Settembru, 2003 u drabi ohra qabel.**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, u tal-ittra legali tal-5 ta' Mejju, 2004, u bl-imghax legali mill-4 ta' Settembru, 2003 data tal-ahhar invoice, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Novembru, 2004, fejn intqal :**
**Illi l-konvenut proprio m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li huwa qatt f'ismu proprju m'ghamel xi negozju mas-socjeta` attrici ;**
**Illi fil-mertu l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Semgha x-xhieda ta' Emanuel Schembri u ta' Mark Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumentii esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas ghal merci mibjugha u konsenjata lil St George's Park Complex, Aqua Sun Lido, liema merci kienet tigi konsenjata lill-konvenut.**
**2. Il-konvenut qed jghid li ma kienx qed jagixxi f'ismu proprju, izda is-St George's Park Complex, Aqua Sun Lido kien gestit minn St. George's Catering Ltd, u konsegwentement qed jghid li hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**3. Jibda biex jinghad illi skond ma xehed Emanuel Schembri, direttur tas-socjeta` attrici l-ammont dovut huwa ta' elf erba' mija u tlieta u hamsin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm1153.58), u dana skond statement esebit a fol.17 tal-process.**
**4. Jirrizulta li l-istatemnent u invoices dejjem hargu fuq St. George's Park Complex, Aqua Sun Lido. Jirrizulta li il-konvenut kien jiehu l-merci in kwistjoni u qatt m'infurmahom li din qed tigi ricevuta da parti tas-socjeta` St. George's Catering Ltd.**
**5. Biex jikkonferma t-tezi tieghu l-konvenut esebixxa d-Dok.MS1, allegatament mibghut lis-socjeta` attrici, datat 31 ta' Dicembru, 2000, li juri n-numru tac-cekk, liema cekk allegatament jinhareg fuq il-kumpanija. Dan id-dokument gie ribattut minn Emanuel Schembri ghas-socjeta` attrici, li wera l-invoices Dok.X, Y u Z li juri l-mod dwar kif tohrog l-invoices is-socjeta` attrici u fuq min tohroghom. L-istess Schembri cahad li s-socjeta` St. George's Catering Limited qatt m'applikat**

**ghall-credit terms mas-socjeta` attrici. Inoltre l-istess Schembri jghid li meta x-xoghol ikun ma kumpanija, hemm proceduri differenti.**
**6. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx lok li tigi milqugha l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar li ma hux il-egittimu kontradittur. Inoltre l-ammont mitlub jinsab pruvat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf erba’ mija u tlieta u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm1453.58), bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjes ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati mill- konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------